

Brussell, 10 ta' Settembru 2026
(OR. en)

13011/26

DELECT 142
PECHE 339

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	10 ta' Settembru 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 6210 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'10.9.2026 li jemenda r-Regolament (UE) 2023/2053 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi pjan ta' ġestjoni pluriennali għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2026) 6210 final.

Mehmuż: C(2026) 6210 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.9.2026
C(2026) 6210 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 10.9.2026

li jemenda r-Regolament (UE) 2023/2053 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi pjan ta' ġestjoni pluriennali għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

L-għan tar-Regolament Delegat huwa li jemenda r-Regolament (UE) 2023/2053 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ sabiex jiġu implimentati l-bidliet kif stabbiliti fir-Rakkomandazzjoni 21-08 tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT) fir-rigward tal-pjan ta' ġestjoni pluriennali għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran², adottata fis-27 laqgħa tal-ICCAT f'Novembru 2021, kif ukoll sabiex tiġi aġġornata skadenza tar-rapportar biex tiġi ffaċilitata l-konsolidazzjoni tal-pjan annwali tal-UE għat-tonn.

Ir-Regolament (UE) 2023/2053 ġie emendat l-aktar reċenti bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2026/497 tal-4 ta' Marzu 2026³. Madankollu, il-bidliet li għabt magħha r-Rakkomandazzjoni 21-08 tal-ICCAT għad iridu jiġu inkorporati fir-Regolament (UE) 2023/2053.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

F'konformità mal-Artikolu 67(4) tar-Regolament 2023/2053, il-Kummissjoni kkonsultat il-Grupp ta' Esperti dwar is-Sajd u l-Akkwakultura dwar l-abbozz tar-Regolament.

F'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet⁴, ir-Regolament Delegat ġie ppreżentat lill-koleġiżlaturi (il-Parlament Ewropew u l-Kunsill) għall-konsultazzjoni fil-livell tal-esperti.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT

Ir-Regolament Delegat jemenda r-Regolament (UE) 2023/2053 billi:

- jressaq 'il quddiem b'ġimagħtejn l-iskadenza għall-Istati Membri biex jippreżentaw il-pjanijiet annwali tagħhom, sabiex il-Kummissjoni tilħaq tirrieżamina, tikkonsolida u tippreżenta l-pjanijiet annwali tal-Unjoni sal-iskadenza stabbilita mir-Rakkomandazzjoni 25-04 tal-ICCAT;
- jemenda l-Anness VI tar-Regolament (UE) 2023/2053, billi jimmodifika t-tabella li għandha tintuża mill-operaturi għad-dikjarazzjonijiet tat-trasferiment;

¹ Ir-Regolament (UE) 2023/2053 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2023 li jistabbilixxi pjan ta' ġestjoni pluriennali għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1936/2001, (UE) 2017/2107, u (UE) 2019/833 u li jħassar ir-Regolament (UE) 2016/1627 (ĠU L 238, 27.9.2023, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2053/oj>).

² Ir-Rakkomandazzjoni 21-08 tal-ICCAT li temenda r-Rakkomandazzjoni 19-04 li temenda r-Rakkomandazzjoni 18-02 biex jiġi stabbilit pjan ta' ġestjoni pluriennali għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran, <https://www.iccat.int/Documents/Recs/compendiopdf-e/2021-08-e.pdf>.
Verżjoni kurrenti: Ir-Rakkomandazzjoni 25-04 tal-ICCAT li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni 24-05 li tistabbilixxi pjan ta' ġestjoni pluriennali għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran, <https://www.iccat.int/Documents/Recs/compendiopdf-e/2025-04-e.pdf>.

³ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2026/497 tal-4 ta' Marzu 2026 li jemenda r-Regolament (UE) 2023/2053 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-ġestjoni tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran (ĠU L, 2026/497, 13.5.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2026/497/oj).

⁴ Il-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1, http://data.europa.eu/eli/agree_interinstitut/2016/512/oj).

- jemenda l-Anness XIV tar-Regolament (UE) 2023/2053, billi jimmodifika t-tabella li għandha tintuża mill-operaturi għad-dikjarazzjonijiet tat-tqegħid fil-gaġeġ.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'10.9.2026

li jemenda r-Regolament (UE) 2023/2053 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi pjan ta' ġestjoni pluriennali għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2023/2053 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2023 li jistabbilixxi pjan ta' ġestjoni pluriennali għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1936/2001, (UE) 2017/2107, u (UE) 2019/833 u li jħassar ir-Regolament (UE) 2016/1627⁵, u b'mod partikolari l-Artikolu 66, il-paragrafu 1, il-punti (b) u (k), tiegħu,

Billi:

- (1) L-Unjoni hija parti għall-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT), wara li approvat il-Konvenzjoni tal-ICCAT skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 86/238/KEE⁶.
- (2) L-ICCAT tadotta l-miżuri biex tiżgura l-konservazzjoni fuq terminu twil u l-użu sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd fiż-żona tal-Konvenzjoni ICCAT u biex tissalvagwardja l-ekosistemi tal-baħar li dawn ir-riżorsi jinsabu fihom. Dawn il-miżuri huma vinkolanti fuq l-Unjoni.
- (3) Sabiex l-Unjoni tikkonforma mal-iskadenza għall-preżentazzjoni tal-pjanijiet annwali stabbilita mir-Rakkomandazzjoni 25-04 fir-rigward tal-ġestjoni tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran⁷, l-iskadenza applikabbli għall-Istati Membri trid titressaq 'il quddiem.
- (4) Barra minn hekk, iridu jsiru għadd ta' emendi tar-Regolament (UE) 2023/2053 biex jiġu aġġornati l-formola tad-dikjarazzjoni tat-trasferiment fl-Anness VI u l-formola tad-dikjarazzjoni tat-tqegħid fil-gaġeġ fl-Anness XIV.

⁵ Ir-Regolament (UE) 2023/2053 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2023 li jistabbilixxi pjan ta' ġestjoni pluriennali għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1936/2001, (UE) 2017/2107, u (UE) 2019/833 u li jħassar ir-Regolament (UE) 2016/1627 (ĠU L 238, 27.9.2023, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2053/oj>).

⁶ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 86/238/KEE tad-9 ta' Ġunju 1986 dwar l-Adeżjoni tal-Komunità fil-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku, kif emendata bil-Protokoll meħmuż mal-Att Finali tal-Konferenza tal-Plenipotenżjari tal-Istati li jiffirmaw Parti mill-Konvenzjoni ffirmata f'Pariġi fl-10 ta' Lulju 1984 (ĠU L 162, 18.6.1986, p. 33, <http://data.europa.eu/eli/dec/1986/238/oj>).

⁷ Ir-Rakkomandazzjoni 25-04 tal-ICCAT li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni 24-05 li tistabbilixxi pjan ta' ġestjoni pluriennali għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran, <https://iccat.int/Documents/Recs/compendiopdf-c/2025-04-e.pdf>.

- (5) Billi l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament għandhom impatt dirett fuq l-ippjanar tal-istaġun tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni u fuq l-attivitajiet ekonomiċi relatati, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ mill-aktar fis possibbli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) 2023/2053 huwa emendat kif ġej:

- (1) Fl-Artikolu 16, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Sas-16 ta' Jannar ta' kull sena, kull Stat Membru li għandu kwota għat-tonn għandu jibgħat il-pjanijiet li ġejjin lill-Kummissjoni:

(a) il-pjan annwali tas-sajd għall-bastimenti tal-qbid u għat-tunnari li jintużaw għas-sajd għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran, stabbilit f'konformità mal-Artikolu 11;

(b) il-pjan annwali għall-ġestjoni tal-kapaċità tas-sajd stabbilit f'konformità mal-Artikolu 13;

(c) il-pjan annwali ta' monitoraġġ, ta' kontroll u ta' spezzjoni stabbilit f'konformità mal-Artikolu 14; u

(d) il-pjan annwali għall-ġestjoni tat-trobbija tal-ħut stabbilit f'konformità mal-Artikolu 15.”

- (2) L-Annessi VI u XIV huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 10.9.2026

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN